SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

18 ta' Lulju 2013 *

"Agrikoltura — Sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni — Regolament (KE) Nru 1291/2000 — Artikolu 35(4)(ċ) — Garanziji kkostitwiti mat-talba għal ħruġ ta' liċenzji ta' importazzjoni — Liċenzja ta' importazzjoni — Preżentazzjoni tard tal-prova tal-użu tagħha — Sanzjoni — Kalkolu tal-ammont mitluf — Regolament (KE) Nru 958/2003 — Kwoti tat-tariffa"

Fil-Kawża C-211/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte d'appello di Roma (l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Mejju 2012, fil-proċedura

Martini SpA

vs

Ministero delle Attività produttive,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn J. Malenovský, President tal-Awla, U. Lõhmus (Relatur) u A. Prechal, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Impellizzeri, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Marzu 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Martini SpA, minn F. Capelli u M. Valcada, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Varrone, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Elleniku, minn X. A. Basakou, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Rossi u B.-R. Killmann, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000, tad-9 ta' Ġunju 2000, li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 29, p. 145), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 325/2003, tal-20 ta' Frar 2003 (ĠU L 47, p. 21, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1291/2000").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Martini SpA (iktar 'il quddiem "Martini") u l-Ministero delle Attività produttive (iktar 'il quddiem il-"Ministero"), dwar l-ammont tas-sanzjoni imposta għall-preżentazzjoni tard tal-prova tal-użu ta' liċenzja ta' importazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 1291/2000

3 Ir-Regolament Nru 1291/2000 tħassar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2008, tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli (ĠU L 114, p. 3). Madankollu, fid-dawl tad-data ta' meta seħħew il-fatti tal-kawża prinċipali, din tal-aħħar tibqa' rregolata bir-regoli tar-Regolament Nru 1291/2000 li l-premessi 10 u 12 jipprovdu li:

"(10) Ir-Regolamenti tal-Komunità li intorduċew il-liċenzji u ċ-ċertifikati [ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni u tal-iffissar minn qabel għall-prodotti agrikoli] jipprovdu li dawn għandhom jinħarġu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' garanzija sabiex tiggarantixxi li tkun sodisfatta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni matul il-perjodu tal-validità tagħhom. Huwa neċessarju li jkun definit meta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni tkun ġiet sodisfatta.

[…]

(12) Il-liċenzji ta' importazzjoni huma xi kultant użati sabiex jamministraw arranġamenti ta' l-importazzjoni kwantitattiva. Dan hu biss possibbli meta t-tagħrif dwar l-importazzjoni magħmula permezz tal-liċenzji maħruġa jkun disponibbli f'perjodu relattivament qasir. F'tali każi, il-kondizzjoni li tingħata evidenza li l-liċenzji jkunu ntużaw mhix biss sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba imma ssir essenzjali għall-amministrazzjoni ta' dawn l-arranġamenti kwantitattivi. L-evidenza in kwistjoni tkun mogħtija bil-preżentazzjoni tal-kopja 1 tal-liċenzja u, fejn xieraq, ta' l-estratti minnha. Huwa possibbli li tingħata din l-evidenza fi żmien relattivament qasir. Dan il-limitu ta' żmien għandu għalhekk ikun stabbilit għall-każi meta r-regoli tal-Komunità dwar il-liċenzji użati sabiex jamministraw arranġamenti kwantitattivi jagħmlu referenza għalihom."

4 L-Artikolu 35 ta' dan ir-regolament jikkontjeni r-regoli li jirregolaw il-metodi tal-liberazzjoni tal-garanziji u jindika, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet u l-proporzjonijiet li fihom il-garanzija għandha tintilef. Il-paragrafu 2 tiegħu jipprovdi:

"Suġġett għall-applikazzjoni fl-Artikoli 40, 41 jew 49, meta l-obbligazzjoni għall-importazzjoni jew l-esportazzjoni ma tkunx ġiet sodisfatta l-garanzija għandha tintilef b'ammont ugwali għad-differenza bejn:

a) 95 % tal-kwantità indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat,

u

b) il-kwantità fil-fatt importata jew esportata.

Jekk il-liċenzja tkun maħruġa fuq il-bażi ta' massimità r-riżultat tal-kalkolazzjoni ta' 95 % li hemm referenza għaliha hawn fuq għandha, meta jkun applikabbli, tkun imqarba lejn l-anqas numru sħiħ tal-massimità.

B'dana kollu, jekk il-kwantità importata jew esportata tammonta għal mill-inqas 5 % tal-kwantità indikata fil-liċenzja jew fiċ-ċertifikat, il-garanzija kollha għandha tintilef.

[…]"

5 L-Artikolu 35(4) dwar, b'mod partikolari, il-konsegwenzi ta' dewmien fil-preżentazzjoni tal-prova tal-użu taċ-ċertifikat, ġie redatt kif ġej:

"4.

a) Il-prova li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 33(1)(a) u (b) għandha tingħata fi żmien xahrejn ta' l-iskadenza tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat, sa kemm dan ma jkunx impossibbli minħabba raġunijiet ta' *force majeure*,

[…]

b) L-ammont li għandu jintilef fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom ma tkunx ingħatat prova dwar il-liċenzja ta' l-esportazzjoni b'istabbilizzar bil-quddiem tar-rifużjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit permezz ta' l-ewwel subinċiż ta' sub-paragrafu (a) għandu jitnaqqas [persentaġġi differenti skont id-dewmien tat-tressiq tal-prova, kkalkolat bix-xahar mid-data ta' skadenza taċ-ċertifikat];

(ċ) Fil-każi apparti minn dawk fil-punt (b), l-ammont li għandu jintilef fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom ma tkunx ingħatat prova fil-limitu ta' żmien stabbilt fis-subparagrafu (a) u sa l-aktar tard fl-24 tax-xahar ta' wara d-data ta' l-skadenza tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat għandu jkun 15 % ta' l-ammont li kieku kien jintilef kompletament jekk il-prodotti ma kinux ġew importati jew esportati; meta, għal tali prodott, ikun hemm liċenzji jew ċertifikati b'livelli differenti ta' garanzija, linqas rata applikabbli għall-importazzjoni jew esportazzjoni użata sabiex ikun ikkalkulat l-ammont li għandu jintilef.

[…]"

Ir-Regolament (KE) Nru 1162/95

6 Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1162/95, tat-23 ta' Mejju 1995, li jipprovdi regoli speċifiċi ta' applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni fis-settur taċ-ċereali u tar-ross (ĠU L 117, p. 2), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2333/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002 (ĠU L 349, p. 24, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1162/95"):

"L-ammont tal-garanzija għal-liċenzji għall-prodotti previsti fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 [tat-30 ta' Ġunju 1992, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 324)] huwa:

a) ta' EUR 1 għal kull tunellata, f'każ ta' liċenzji ta' importazzjoni li għalihom id-dispożizzjonijiet tar-raba' inċiż tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament Nru°1766/92 (KEE) ma japplikawx […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Ir-Regolament (KE) Nru 958/2003

7 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 958/2003, tat-3 ta' Ġunju 2003, li jippreskrivi regoli dettaljati biex tiġi applikata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/286/KE rigward il-konċessjonijiet fil-forma ta' kwoti Komunitarji tat-tariffa dwar ċerti prodotti miċ-ċereali li joriġinaw fir-Repubblika tal-Bulgarija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2809/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 39, p. 11), tħassar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1996/2006, tat-22 ta' Diċembru 2006, li jadatta diversi Regolamenti dwar is-suq taċ-ċereali u tar-ross minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 322M, p. 433). Madankollu, fid-dawl tad-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, din tal-aħħar tibqa' rregolata bir-Regolament Nru 958/2003.

8 Il-premessa 6 tar-Regolament Nru 958/2003 tistabbilixxi li:

"Biex tiġi żgurata t-tmexxija soda tal-kwoti, is-sigurtà fuq liċenzji ta' importazzjoni għandha tiġi stabbilita f'livell relattivament għoli, bħala deroga mill-Artikolu 10 tar-[Regolament Nru 1162/95]."

9 L-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Importazzjonijiet ta' qamħ ir-rum […] li joriġinaw fir-Repubblika tal-Bulgarija u li jibbenefikaw minn rata zero ta' dazju ta' importazzjoni, skond il-kwota tat-tariffa […] għandhom jiġu soġġetti għal liċenzja ta' importazzjoni maħruġa bi qbil ma' dan ir-Regolament."

10 Skont l-Artikolu 1a tal-imsemmi regolament:

"Operatur jista' jintroduċi biss talba waħda għal liċenzja ta' importazzjoni għal kull perijodu kkonċernat […]. Fejn l-applikanti jissottomettu aktar minn talba waħda, l-ebda minn dawn it-talbiet m'għandhom ikunu ammissibbli u l-garanziji depożitati meta t-talbiet kienu sottomessi jintilfu lill-Istat Membru kkonċernat. Meta operatur jippreżenta iktar minn talba waħda, it-talbiet tiegħu huma kollha miċħuda, u l-garanziji magħmula wara li jsiru t-talbiet huma mitlufa favur l-Istat Membru kkonċernat." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 L-Artikolu 8 ta' dan l-istess regolament jipprovdi li "s-sigurtà għall-liċenzji ta' importazzjoni kif provvdut f'dan ir-Regolament għandha tkun 30 EUR kull tunnellata mettrika".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

12 Martini kellha liċenzja, maħruġa mill-awtorità kompetenti Taljana fil-15 ta' Settembru 2003, għall-importazzjoni, provenjenti mill-Bulgarija, ta' 7000 tunnellata ta' qamħirrum b'rata żero ta' dazju ta' importazzjoni. B'mod konformi mal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 958/2003, din il-kumpannija ħarġet garanzija ta' EUR 30 għal kull tunnellata skont l-obbligi tagħha ta' importazzjoni.

13 Barra l-imsemmija obbligi, fejn is-sodisfazzjon ma huwiex ikkontestat, Martini kienet obbligata tippreżenta l-prova tal-użu tal-liċenzja tagħha l-iktar tard sal-iskadenza tat-tieni xahar wara d-data tal-iskadenza tal-validità tagħha sabiex tirrilaxxa l-garanzija inkwistjoni. Fis-17 ta' Frar 2004, il-Ministero adotta digriet li jiddikjara mitluf l-ammont ta' EUR 31 500 li jikkorrispondi għal 15 % ta' din il-garanzija, peress li din il-kumpannija ma kinitx irrispettat it-terminu impost.

14 Fl-20 ta' Frar 2004, Martini ppreżentat rikors kontra dan id-digriet, fejn ikkontestat l-użu tal-ammont tal-garanzija effettivament ikkostitwita għall-importazzjoni inkwistjoni bħala parametru għall-kalkolu tal-ammont li għandu jintilef. Hija tikkunsidra li, skont l-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, l-ammont li kellu jintilef għall-preżentazzjoni tard tal-prova tal-użu tal-liċenzja ta' importazzjoni għandha tiġi kkalkolata, mhux fuq il-bażi tar-rata ta' garanzija ta' EUR 30 għal kull tunnellata tal-prodotti importati mħallsa f'dan il-każ, iżda fuq il-bażi tar-rata ta' Euro għal kull tunnellata, li hija ġeneralment applikata għal-liċenzji għat-tranżazzjonijiet ta' importazzjoni tal-qamħirrum provenjenti mill-pajjiżi terzi bis-saħħa tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1162/95.

15 Fit-8 ta' Marzu 2004, il-Ministero kkonferma l-imsemmi digriet. B'hekk, sussegwentement għal proposta ta' Martini, huwa talab lid-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura tal-Kummissjoni Ewropea Opinjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000. Mir-risposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2004 jirriżulta li l-applikazzjoni ta' din l-aħħar parti ta' din id-dispożizzjoni hija possibbli biss fil-preżenza ta' tieni liċenzja ta' importazzjoni b'rata ta' garanzija differenti utli għall-importazzjoni, għall-istess kundizzjonijiet, ta' prodott inkwistjoni. Fid-dawl ta' din ir-risposta, il-Ministero kkonferma l-kontenut tad-digriet tiegħu li ddikjara t-telf tal-garanzija.

16 B'ittra tal-21 ta' Mejju 2004, Martini infurmat il-Ministero li din kienet taqa' fil-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, peress li din kienet ukoll proprjetarja ta' liċenzja ta' importazzjoni, maħruġa għall-istess perijodu u għall-istess tip ta' prodott provenjenti minn pajjiż terz barra l-Bulgarija, bil-għan ta' garanzija ta' Euro għal kull tunnellata. Konsegwentement, hija rrepetiet it-talba tagħha lill-Ministero sabiex jiġi kkalkolat l-ammont li għandu jintilef, billi tibbaża ruħha fuq ir-rata normali tal-garanzija applikata fis-suq inkwistjoni.

17 Il-Ministero madankollu kkunsidra li din il-liċenzja ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-deroga peress li ma kinitx inħarġet fuq il-bażi tar-Regolament Nru 958/2003 u ma kinitx tikkonċerna l-importazzjonijiet tal-qamħirrum provenjenti mill-Bulgarija. Konsegwentement, fit-22 ta' Ġunju 2004, il-Ministero għal darb'oħra kkonferma d-digriet tiegħu.

18 Peress li r-rikors ta' Martini mressaq quddiem it-Tribunale di Roma kontra l-imsemmi digriet ġie miċħud bis-sentenza tal-14 ta' Jannar 2008, din il-kumpannija appellat din is-sentenza quddiem il-Corte d'appello di Roma. Din ikkunsidrat li r-regoli inkwistjoni seta' kellhom numru ta' interpretazzjonijiet.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte d'appello di Roma ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 35 tar-[Regolament Nru 1291/2000] għandu jiġi interpretat fis-sens li s-sanzjoni li huwa jipprevedi, li tikkonsisti fit-telf totali tal-garanzija imposta fuq l-operaturi ekonomiċi Komunitarji li kisbu liċenzja ta' importazzjoni/ ta' esportazzjoni għal prodott irregolat

mill-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali, hija essenzjalment intiża sabiex tiskoraġġixxi n-nuqqas ta' osservanza mill-operaturi ekonomiċi msemmija iktar 'il fuq ta' obbligu prinċipali (bħall-importazzjoni jew l-esportazzjoni effettiva taċ-ċereali msemmija fil-liċenzja inkwistjoni) li l-operaturi huma obbligati josservaw, fir-rigward tal-operazzjoni li fir-rigward tagħha tkun inħarġitilhom il-liċenzja inkwistjoni u pprovdew il-garanzija korrispondenti?

2) Id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 35(4) tar-[Regolament Nru 1291/00], sa fejn dawn jirregolaw it-termini u l-proċedura għar-rilaxx tal-garanzija pprovduta mal-ħruġ ta' liċenzja ta' importazzjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' obbligu sekondarju, li jikkonsisti b'mod partikolari fil-produzzjoni tardiva tal-prova tal-eżekuzzjoni korretta ta' importazzjoni (u d-dewmien li jirriżulta minn dan għat-tressiq tat-talba għar-rilaxx tal-garanzija kkostitwita), l-ammont tas-sanzjoni li għandha tiġi applikata għandu jiġi ffissat indipendentament mill-ammont tal-garanzija speċifika li fir-rigward tagħha hemm lok li jiġi previst it-telf totali f'każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' obbligu prinċipali relatat mal-istess operazzjoni ta' importazzjoni u, b'mod partikolari, billi jsir riferiment għall-ammont normali tal-garanzija ġeneralment applikata għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-istess tip imwettqa matul il-perijodu ta' referenza?

3) L-Artikolu 35(4)(ċ) tar-[Regolament Nru 1291/2000], sa fejn dan jipprevedi li 'meta, għal tali prodott, ikun hemm liċenzji jew ċertifikati b'livelli differenti ta' garanzija, l-inqas rata applikabbli għall-importazzjoni jew esportazzjoni użata sabiex ikun ikkalkulat l-ammont li għandu jintilef […]', għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ fejn importazzjoni ta' ċereali kienet ġiet korrettament eżegwita minn operatur ekonomiku Komunitarju, in-nuqqas ta' osservanza tat-terminu previst għall-produzzjoni tal-prova li l-importazzjoni twettqet fi ħdan il-Komunità Ewropea għandu jkun suġġett għal sanzjoni li hemm lok li l-ammont tagħha jiġi kkalkolat billi jsir riferiment għal-livell ta' garanzija l-iktar baxx fis-seħħ matul il-perijodu li matulu l-prodott inkwistjoni kien ġie importat, indipendendament mill-kundizzjonijiet speċifiċi relatati mad-daziji li għandhom jitħallsu (kif issostni [...] Martini) jew biss fil-preżenza ta' dawn il-kundizzjonijiet speċifiċi (kif isostni l-Istat Taljan)?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

20 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1291/2000 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li l-għan tal-garanzija prevista minn din id-dispożizzjoni hijiex li tħares l-obbligu ta' importazzjoni.

21 F'dan ir-rigward, għandu jingħad li, skont il-premessa 10 tar-Regolament Nru 1291/2000, wieħed mill-għanijiet ta' garanzija bħal din hija li tiżgura l-impenn li jiġu importati l-prodotti kkonċernati fil-perijodu tal-validità tal-liċenzja ta' importazzjoni.

22 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 35(4) ta' dan ir-regolament, l-imsemmija garanzija għandha wkoll bħala għan li tiżgura li l-prova tal-użu tal-liċenzja tkun ippreżentata f'ċertu terminu. Fil-fatt, hekk kif tikkonferma l-premessa 12 tal-istess regolament, dawn il-liċenzji ta' importazzjoni huma madankollu użati sabiex jitmexxew skemi kwantitattivi għall-importazzjoni, li jeħtieġ l-għarfien ta' importazzjonijiet imwettqa fuq il-bażi tal-liċenzji maħruġa f'termini relattivament qosra. Minħabba dan il-fatt, il-garanzija prevista fl-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1291/2000 tikkontribwixxi wkoll sabiex jiġi segwit l-għan tal-iskemi kwantitattivi għall-importazzjoni.

23 Għalhekk, hemm lok, li tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Artikolu 35 tar-Regolament Nru 1291/2000 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan tal-garanzija previst minn din id-dispożizzjoni huwa mhux biss li jiġi żgurat l-obbligu ta' importazzjoni, iżda wkoll li l-prova tal-użu tal-liċenzja tkun ippreżentata f'ċertu terminu.

Fuq it-tieni u t-tielet domandi preliminari

24 Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi tagħha, li jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000 għandux jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' preżentazzjoni tard tal-prova tal-eżekuzzjoni korretta ta' importazzjoni, l-ammont li għandu jintilef, għall-kwantitajiet li għalihom il-prova ma tressqitx fit-terminu stabbilit fil-punt (a) tal-istess paragrafu, għandu jkun ikkalkolat fuq il-bażi ta' rata ta' garanzija li ġiet effettivament applikata fit-talba għall-ħruġ ta' liċenzja jew ta' ċertifikati li jirrigwardaw din l-importazzjoni. Għall-finijiet ta' interpretazzjoni bħal din, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-effett eventwali tal-fatt li l-garanzija ġiet ikkostitwita fuq il-bażi ta' rata ogħla minn dik applikabbli għal importazzjonijiet oħra tal-istess tip ta' prodott bħall-prodott importat, peress li dan tal-aħħar ġie eżentat mill-ħlasijiet ta' dazju ta' importazzjoni.

25 Preliminarjament, għandu jingħad li l-kliem tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000 jindika b'mod ċar li s-sanzjoni għal preżentazzjoni tard tal-prova tal-implementazzjoni korretta ta' importazzjoni hija, bħala regola ġenerali, ta' 15 % tal-ammont tal-garanzija mogħtija li tkun definittivament mitlufa jekk il-prodotti ma kinux ġew importati. Bħala prinċipju jirriżulta li hemm lok li jiġi bbażat il-kalkolu ta' din is-sanzjoni fuq ir-rata ta' garanzija li ġiet effettivament applikata fit-talba tal-ħruġ tal-liċenzja ta' importazzjoni dwar l-importazzjoni fejn il-prova tal-eżekuzzjoni ma ġietx ippreżentata fit-terminu impost.

26 Madankollu, għandu jitfakkar li l-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, jipprovdi wkoll fit-tieni parti tiegħu li, fil-każ fejn, għal prodott partikolari, kien hemm liċenzji li jipprovdu rati ta' garanziji differenti, ir-rata l-iktar baxxa applikabbli għall-importazzjoni tkun użata sabiex tikkalkola l-ammont li għandu jintilef.

27 Issa, huwa importanti li l-imsemmija liċenzji jkunu simultanjament applikabbli għall-istess kwantità importata. Fil-fatt, il-kliem tal-aħħar parti tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, b'mod partikolari l-kliem "l-inqas rata applikabbli għall-importazzjoni", teskludi li rata ta' garanzija li ma hijiex konkretament applikabbli għall-importazzjoni inkwistjoni (jiġifieri użat għall-finijiet ta' ċertifikat li jkopri effettivament il-kwantitajiet importati), jista' jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tas-sanzjoni prevista għal din id-dispożizzjoni, u dan indipendentement mill-fatt li rata ta' garanzija bħal din tista' titqies li hija "rata normali" għat-tip ta' prodott ikkonċernat.

28 Interpretazzjoni bħal din hija min-naħa l-oħra kkonfortata mill-fatt li, hekk kif osservat il-Kummissjoni, ir-regola speċifika prevista fl-aħħar parti tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000 hija spjegata mill-karattru li jista' jinbidel tal-kwantitajiet importati u d-diffikultà li tiġi konnessa liċenzja partikolari ma' kwantità minflok ma' oħra. Issa, mingħajr din ir-regola speċifika, awtorità kompetenti għandha r-riskju li tissanzjona dewmien billi tapplika r-rata l-iktar għolja minflok ir-rata l-iktar baxxa, f'dak li jirrigwarda l-kwantitajiet li għalihom huma applikabbli liċenzji li jipprovdu rati ta' garanzija differenti.

29 Konsegwentement, l-imsemmija regola speċifika tapplika biss meta l-importatur jinvoka quddiem l-awtorità kompetenti simultanjament numru ta' liċenzji li jipprovdu rati ta' garanzija differenti għal tranżazzjoni kollha kemm hi dwar l-istess prodott tal-istess oriġini.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li numru ta' liċenzji li jipprovdu rati ta' garanzija differenti huma applikabbli għall-importazzjoni ta' prodott speċifiku, fis-sens tal-aħħar parti tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, peress li l-importatur jinvoka, quddiem l-awtorità kompetenti, simultanjament numru ta' liċenzji li jipprovdu rati ta' garanziji differenti għal tranżazzjoni kollha kemm hi għall-istess prodott tal-istess oriġini u li l-awtorità kompetenti hija konkretament f'pożizzjoni li tapplika dawn ir-rati differenti għal kwantità importata.

31 F'dak li jirrigwarda l-kawża prinċipali, għandu jiġi nnutat li ma jirriżultax mill-fajl ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li Martini kienet ippreżentat numru ta' liċenzji li jipprovdu rati ta' garanzija differenti għall-importazzjoni tal-qamħirrum provenjenti mill-Bulgarija, ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju. Jekk dan jirriżulta li huwa l-każ, ir-regola speċifika prevista fl-aħħar parti tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, ma tapplikax għaċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali.

32 Min-naħa l-oħra, anki f'każ li din ir-regola speċifika tapplika għal ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, peress li l-qorti tar-rinviju tikkonstata li Martini effettivament ippreżentat numru ta' liċenzji li jipprovdu rati ta' garanziji differenti għall-importazzjoni tal-qamħirrum inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jingħad li l-kliem "l-inqas rata applikabbli għall-importazzjoni", fis-sens tal-aħħar parti tal-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, japplikaw, hekk kif jirriżulta mill-karattru ġenerali ta' dawn il-kliem, ukoll għal sitwazzjoni li fiha r-rata ta' garanzija applikata fil-ħruġ ta' liċenzja bir-rata sħiħa hija iktar baxxa min dik applikabbli fil-ħruġ ta' ċertifikat b'rata żero ta' dazju ta' importazzjoni taħt skema preferenzjali, bħal dik ikkreata bir-Regolament Nru°958/2003.

33 Fir-rigward ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, għandha tingħata risposta għat-tieni u t-tielet domanda li l-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' preżentazzjoni tard tal-prova tal-implementazzjoni korretta ta' importazzjoni, l-ammont li għandu jibqa' mitluf, skont il-kwantitajiet li għalihom il-prova ma tressqitx fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 35(4)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' rata ta' garanzija li ġiet effettivament applikata fit-talba għall-ħruġ ta' liċenzja jew taċ-ċertifikati li jirrigwardaw din l-importazzjoni. Għall-finijiet ta' interpretazzjoni bħal din, huwa mingħajr effett li l-garanzija ġiet ikkostitwita fuq il-bażi ta' rata ogħla minn dik applikabbli għall-importazzjonijiet oħra tal-istess tip ta' prodott bħall-prodott importat, peress li dan tal-aħħar ġie eżentat mill-ħlasijiet ta' dazju ta' importazzjoni.

Fuq l-ispejjeż

34 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 35 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1291/2000, tad-9 ta' Ġunju 2000, tad-9 ta' Ġunju 2000, li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' iffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 325/2003, tal-20 ta' Frar 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan tal-garanzija previst minn din id-dispożizzjoni huwa mhux biss li jiġi żgurat l-obbligu ta' importazzjoni, iżda wkoll li l-prova tal-użu tal-liċenzja tkun ippreżentata f'ċertu terminu.

2) L-Artikolu 35(4)(ċ) tar-Regolament Nru 1291/2000, kif emendat bir-Regolament Nru 325/2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' preżentazzjoni tard tal-prova tal-implementazzjoni korretta ta' importazzjoni, l-ammont li għandu jibqa' mitluf, skont il-kwantitajiet li għalihom il-prova ma tressqitx fit-terminu stabbilit fl-Artikolu 35(4)(a) ta' dan ir-regolament, għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' rata ta' garanzija li ġiet effettivament applikata fit-talba għall-ħruġ ta' liċenzja jew taċ-ċertifikati li jirrigwardaw din l-importazzjoni. Għall-finijiet ta' interpretazzjoni bħal din, huwa mingħajr effett li l-garanzija ġiet ikkostitwita fuq il-bażi ta' rata ogħla minn dik applikabbli għall-importazzjonijiet oħra tal-istess tip ta' prodott bħall-prodott importat, peress li dan tal-aħħar ġie eżentat mill-ħlasijiet ta' dazju ta' importazzjoni.

Firem